

L-Artikolu 16(b) tar-Regolament Nru 110/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' "evokazzjoni" ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata, ma hemmx lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest madwar l-element kontenzjuż u, b'mod partikolari, tal-fatt li dan huwa akkumpanjat minn preċiżazzjoni dwar l-oriġini vera tal-prodott ikkonċernat.

- 3) L-Artikolu 16(c) tar-Regolament Nru 110/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' "indikazzjoni falza jew li tinganna", li hija pprojbata minn din id-dispożizzjoni, ma hemmx lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih l-element kontenzjuż jintuża.

⁽¹⁾ ĠU C 121, 18.4.2017

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ġunju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Østre Landsret – id-Danimarka) – Koppers Denmark ApS vs Skatteministeriet

(Kawża C-49/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2003/96/KE — Tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u fuq l-elettriku — Artikolu 21(3) — Fatt taxxabli — Konsum ta' prodotti ta' enerġija fiż-żona tal-istabbiliment li jipproduċi prodotti ta' enerġija — Prodotti ta' enerġija użati f'modi differenti milli bħala karburant għall-magni jew bħala kombustibbli — Konsum ta' solvent bħala karburant f'installazzjoni tad-distillazzjoni tal-qatran)

(2018/C 268/14)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Koppers Denmark ApS

Konvenuti: Skatteministeriet

Dispożittiv

L-Artikolu 21(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konsum ta' prodotti ta' enerġija, fiż-żona ta' stabbiliment li jipproduċi, għall-finijiet tal-manifattura ta' prodotti oħra ta' enerġija, ma jirriżultax mill-eċċezzjoni li jirrigwarda l-fatt taxxabli prevista f'din id-dispożizzjoni meta, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-prodotti ta' enerġija mmanifatturati bħala attività prinċipali ta' tali stabbiliment ikunu intiżi għal użi minbarra dawk ta' karburant jew ta' kombustibbli.

⁽¹⁾ ĠU C 112, 10.4.2017